**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., MAG. JUR. (EU LAW)**

**DISTRETT QORMI**

**Kawża Nru. 775/2024**

**Il-Pulizija**
**vs**
**Alan Bonnici**

**Illum, 14 ta' Marzu 2024**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Alan Bonnici ta' 42 sena, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0624481M, li permezz tagħhom ġie akkużat talli:

> *"…Nhar 1 ta' Jannar 2023, u fil-gimghat kemm precedent kif ukoll sussegwenti, gewwa Hal-qormi u f'dawn il-gzejjer:*
>
> 1) *Bi ksur tal-ligijiet u regolamenti applikabli, inti ghamilt dikjarazzjoni li hija falza, qarrieqa jew mhix korretta f'xi haga materjali u dan ghal kwalunkwe wiehed, u dan billi rreġistrajt fond bħala mikri minnek meta fil-fatt fl-istess fond kien jappartjeni lil terzi, u li għalhekk fil-fatt, qatt ma kien ġie hekk mikri kif indikat fir-reġistrazzjoni magħmula minnek cioe' b'lindirizz 11, triq il-Bhajra Hal-Qormi. (KAP 604 art 21(1) (c);*
>
> 2) *Ghaldaqstant il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tordna lil-imputat sabiex ihallas il-penali skond il-ligi fuq kull registrazjoni li hija falza, qarrieqa u inkorretta. (KAP 604 art 22 (1) (c)*
> 3) *Talli flistess zmien u cirkostanzi, biex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik jew ghal haddiehor, f'xi document mahsub ghal xi awtorita*

*pubblika, xjentament ghamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt taghrif falz. (KAP 9 art 188 (1)*

*Il-Qorti hija gentilment mitluba biex taghti dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa that Kap 373 art 5 tal-ligijiet ta' Malta."*

Semgħet il-provi;

Semgħet ammissjoni tal-imputat li ġiet li ikkonfermata minnu.

**Decide**

**Għaldaqstant, din il-Qorti wara li rat l-Artikolu 21 (1) (c) u l-Artikolu 22 (1) (c) tal-Kap 604 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikolu 188 (1) tal-Kap 9, fuq ammissjoni qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' €2,700.**

**Fuq talba tal-ħati, tawtorizzah li l-ħlas tal-multa jsir f'rati mensili ta' €100, bl-ewwel pagament ikun dovut fl-1 ta'April, 2024, u jibqa dovut sakemm jiġi saldat, f'kull l-ewwel tax-xahar. Fin-nuqqas, il-bilanċ ikun kollu dovut minnufih.**

Maġistrat Dr. Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Reġistratur